**Bernard Pace**

**Vs**

**'Finestral' u ai termini ta' verbal datat 13 ta' Gunju 2023 l-okkju gie korrett ghal '360 Manufacturing Ltd C49513)**

CCT 37/23/CC

Illum 18 ta' Awissu 2023

It-Tribunal;

Ra t-Talba tar-rikorrent ipprezentata fit-23 ta' Frar 2023, fejn talab l-ammont ta' €1,460 (elf, erba' mija u sittiin ewro) rapprezentanti ammont ta' kwotazzjoni sabiex jigu 'sprayed' bieb ta' barra u bieb tal-garaxx sabiex jaqblu mal-kulur ta' l-aperturi installati mis-socjeta intimata.

Ra li l-intimata debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ipprezentat risposta, fit-8 ta' Mejju 2023, fejn cahdet it-talba tar-rikorrent, ghar-ragunijiet elenkati fir-risposta.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lir-rikorrenti jixhed bil-gurament fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2023.

Sema' lir-rapprezentanti tas-socjeta intimata jixhdu bil-gurament fis-seduta tad-19 ta' Lulju 2023.

Ra d-dokumenti ezebiti minn entrambi l-partijiet fl-atti ta' dawn il-proceduri.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li f' Ottubru 2021 ir-rikorrent ordna l-aperturi minghand is-socjeta intimata, li fit-total il-kont ammonta ghal madwar tlettax -il elf ewro (€13,000). Illi r-rikorrent ordna l-bieb tal-garaxx minghand socjeta terza, u eventwalment madwar xahar wara l-ordni ta' l-aperturi mas-socjeta intimata, cioe Novembru

2021, r-rikorrenti ikkuntatja lis-socjeta intimata tramite email sabiex jigi provdut ir- 'RAL number', li huwa il-kodici tal-kulur ta' l-aperturi ordnati minnu.

Illi in segwitu li r-rikorrent intbaghtlu dan il-kodici, huwa baghat dan in-numru lil mastrudaxxa tas-socjeta terza li kellha tahdem il-bieb tal-garaxx.

Illi fil-frattemp, is-socjeta intimata ipprocediet bil-ftehim ta' l-ordni mar-rikorrent, u permezz ta' email datata 18 ta' Marzu 2022 baghtet ghal rikjesta ta' konferma ta' l-ordni tar-rikorrent, inkluz il-kulur. Ir-rikorrent ikkonferma din l-email dakinhar stess li ntbaghtet, u s-socjeta intimata pprocediet bl-ordni.

Illi jirrizulta li s-socjeta intimata installat l-aperturi kif ordnati mir-rikorrent fit-30 ta' Gunju 2022.

Illi gara li f'Ottubru 2022, is-socjeta terza installat il-bieb tal-garaxx, u r-rikorrenti induna li kien hemm diskrepanza bejn il-kulur ta' l-aperturi u l-kulur tal-bieb tal-garaxx. Ir-rikorrenti gibed l-attenzjoni ta' dan il-fatt lis-socjeta intimata li da parti taghha ghamlet il-verifiki necessarji sabiex tevalwa jekk kienx hemm xi nuqqas fil-process ta'l-ordni tar-rikorrenti. Illi sussegwentement irrizulta li s-socjeta intimata adoperat il-procedura mehtiega in segwitu ghal konferma ta' l-ordni minghand ir-rikorrent.

Illi t-Tribunal, minn analizi tal-provi prodotti mill-partijiet, fl-ewwel lok jinnota li ma jistax jigi attribwit xi nuqqas da parti tas-socjeta intimata fil-procedura li mxiet maghha mar-rikorrent. Illi jirrizulta li l-kodici tal-kulur mid-data ta' l-ordni ghal konferma ta'l-ordni gie emendat, mhux b'azzjoni unaterali tas-socjeta intimata, stante li tali emendi huma parti mis-settur. Illi jirrizulta li f'Marzu 2022, ir-rikorrent ikkonferma l-ordni kif mibghuta lilu, u ghalhekk is-socjeta intimata pprocediet bl-ordni kif konferma mir-rikorrent.

It-Tribunal jinnota ulterjorment li r-rikorrent ma infurmax lis-socjeta terza li hadmet il-bieb tal-garaxx sabiex tikkuntatja lis-socjeta intimata ghal konferma tal-kulur, u ghalhekk fic-cirkostanzi, certament ma jistax jigi attribwit xi nuqqas da parti tas-socjeta intimata minhabba l-akkadut.

Illi tenut kont tal-premess, minn ezami tal-provi mressqa mill-partijiet, u wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jirrizulta li t-talba avvanzata mir-rikorrent ma tistax tigi milqugha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba tar-rikorrent.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mir-rikorrent.

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru